*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 48*

***13 ta' Novembru 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

### *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *48.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

48.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apologija.

## *48.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

48.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

48.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li kellhu laqgħa mall-ERA fejn ġie muri l-pjanti dettaljati ta' kif jixtiequ jirranġaw Ġnien Spencer. Huwa qal li l-ERA għandhom kollox lest u saħansitra anke il-fondi li jammontaw għal madwar €2 miljun euro sabiex joħolqu Ġnien mill-isbaħ li ser ikun qed iservi bħala mudell ta' kif għandhom jsiru l-ġonna pubbliċi fil-futur. Is-Sindku xtaq li din il-preżentazzjoni ssir waqt il-laqgħa tal-Kunsill fil-preżenza tal-pubbliku, iżda huma saħqu li għalissa jixtiequ li dan il-proġett jiġi ffinalizzat qabel ma jkun pubbliku.

48.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-WasteServ għandha d-dustbins tal-għażla u li tkun xi ħaġa pożittiva jekk il-Kunsill Lokali jagħmel kuntatt mall-WasteServ sabiex dawn il-bins inqassmuhom fost ir-residenti sabiex nkomplu nagħtuhom l-aħjar servizz possibli.

48.3.3 Il-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Kunsilliera preżenti li għall-attivita' tal-anzjani u tat-tfal l-amministrazzjoni diġa' ħadet ħsieb il-preparamenti tagħhom u saru bookings lill-Joe Demicoli, Renato u Virtuosi għall-attivita' tal-anzjani, u għal tat-tfal is-Sur Lorenzo The Magician, kif ukoll kumpanija oħra tal-karattri li jagħmlu face painting u xi logħob għat-tfal. Għal dawn iż-żewġ attivitajiet ġie bbukkjat ukoll Neriku Catering li kien l-irħas wieħed mill-kwotazzjonijiet miġbura.

## *48.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

48.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal fuq il-midja soċjali kienu għaddejjin xi kummenti min membri tal-Juventus Club fil-Marsa fuq ritratt dwar il-boroż taż-żibel li hemm. Fost diversi kummenti kienu qegħdin jitfaw il-ħtija tal-ħmieġ li qed jinġabar fuq il-Kunsill għaliex skont huma kien hemm xi ħadd mill-Kunsill li qalilhom li dan ser jinġabar mill-Kunsill meta dawn suppost jafu li l-gbir tal-iskart tal-ħwienet kummerċjali ma jiħdux il-Kunsill. Huwa żied jgħid li tkun ħaġa tajba jekk il-Kunsill jibgħat ittra lill-Juventus Club sabiex jinfurmahom b'mod uffiċjali b'dan. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qabel li l-Kunsill jibgħat ittra lill-Club minħabba dan l-abbużż li qed isir.

48.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa x'ġara mill-bozza maqtugħa ta' Sqaq l-Ajkla. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Enemalta diġa' huma infurmati biha minħabba l-problema mhix dik tal-bozza imma tal-linja tad-dawl.

## *48.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

48.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *48.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

48.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li s-Soċjeta' Mużikali Banda Marija reġina qed tistaqsi l-Kunsill jekk huwiex interessat li jirreklama fuq il-Kalendarju għal prezz ta' €150. Apparti hekk qed jistaqsu ukoll jekk hux interessat li l-Kunsill jagħmel avviż għal prezz ta' €50 fuq il-leaflet tal-Wirja li ser tittella' fi żmien il-Milied. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

48.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm stedina għal konferenza tal-aħbarijiet li ser issir nhar it-Tnejn 22 t'Ottubru fil-11.30 ta' filgħodu f'Wied Incita, Attard, fejn waqt din il-Konferenza ser jingħataw numru ta' siġar taż-żebbuġ għal-lokalitajiet rispettivi.

48.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li mill-Uffiċju tal-President għandhom ktieb li jismu *'Encounters with Valletta a Baroque city through the ages'*. Dan huwa ktieb fuq il-Belt Valletta b'diversi ritratti li jinbiegħ għal €80 u liema qliegħ ser imur għal Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel li jinxtraw tnejn minnhom u jingħataw lill-Iskola Primarja tal-Gvern għall-librerija tagħhom u li jkun ġest ta' għajnuna lill-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

## *48.7 Deċiżjoni fuq it-Tender tal-Ground*

48.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li kien hemm żewġ kumpaniji li ssottomettew l-offerti tagħhom għat-tender tal-Ground, li kienu Projekte Global Limited li kella żewġ offerti, li kienu €42,246.03 u €42,823.44 rispettivament u l-kumpanija Sports Infrastructure Limited bl-offerta ta' €78,380.13. Dawn it-tenders sar l-evalwazzjoni tagħhom mill-Perit tal-Kunsil fejn ta' l-opinjoni tiegħu li jaqbel li jingħata l-Kumpaija Projekte Global

Limited li hija l-orħos offerta u għalhekk għandha tingħażel għaliex hija tissoddisfa l-kriterji tekniċi kollha li kienu mitluba mit-tender. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.8 Deċiżjoni fuq il-Kwotazzjoni tal-Ħadid tal-Bandli*

48.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill kien ħereġ fil-gimgħat li għaddew kwotazzjoni għal stima bis-sistema tal-EPPs u fuq il-ġurnali sabiex isir xogħol ta' ħadid li jinstab fiċ-Ċentru Rikrejattiv. Il-Kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet li huma ta' J Bouvet Steel Works għall-prezz ta' €9,900 bil-VAT inkluża u oħra ta' E & L Enterprises Limited għal prezz ta' €14,650 mingħajr VAT. Nixtiequ nfakkru li kwotazzjoni l-fuq minn €10,000 mhux permessibli bil-liġi u għalhekk ma kinitx tikkwalifika l-offerta ta' €14,650. Il-Perit tal-Kunsill ta' l-opinjoni tiegħu u ssuġġerixxa lill-Kunsill li jagħżel l-orħos kwotazzjoni. Għaldaqstant il-Kunsill mexa' fuq dan il-parir u għażel il-kwotazzjoni ta' J Bouvet Steel Works għall prezz ta' €9,900 bil-VAT inkluż. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.9 Tqassim ta' Boroż Bojod*

48.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono xtaq li l-Kunsill Lokali jixtri mill-flus tal-Kunsill ammont sostanzjali ta' boroż bojod biex dawn ikunu jistgħu jitqassmu lir-residenti tal-Marsa b'xejn bil-għan li nħajru n-nies jużaw l-borża tal-iskart organiku. Is-Sindklu qal li biex dan il-proġett Nazzjonali tal-ġbir tal-iskart jirnexxi huwa importanti li bħala Kunsill nagħmlu il-parti tagħna, u t-tqassim b'xejn ta' dawn il-boroż huwa pass importanti biex jintlaħaq dan il-għan. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.10 Bdil ta' parti mill-bankina ta' Triq it-Tiġrija*

48.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm bżonn tinbidel parti mill-bankina ta' Triq it-Tiġrija minħabba l-ħofor li fiha u li dawn huma attwalment ta' periklu għal min ikun miexi min hemm. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit daħal fis-seduta fis-6.45pm

## *48.11 Xiri ta' skips tas-separazjoni tal-iskart għall-iskola Primarja*

48.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-Membri tal-Kunsill biex japprovaw xiri ta' tlett skips tas-separazjoni tal-iskart għall-iskola Primarja San Ġorġ Preca sabiex irrawmu interess fost l-istudenti dwar kif jiġi sseparat l-iskart domestiku. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer

issuġġerixxa li jitpoġġew skips oħra mill-ħodor f'postijiet li jistgħu jinqdew ċertu residenti. Is-Sindku qal li jaqbel ma din il-proposta u spjega fejn dawn jistgħu jitpoġġew. Waħda minnhom hija Triq l-Iskola fejn il-flats tal-Gvern, waħda fi Triq il-Jum fejn l-iskips tal-għażla (li hija monitered bil-kameras) u l-oħra viċin il-bandli ta' Marija Reġina fil-viċinanzi tal-flats. Dawn l-iskips huma suġġetti biex jinbidel il-post tagħhom jekk jiġu kkrejati problemi ta' tifi ta' skart illegali. Din hija parti min katina ta' strateġiji biex il-kommunita' tieħu sehem attiv mis-separazzjoni tal-iskart min eta' bikrija. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.12 Attivita' ta' Jum il-Lokalita' f'Jannar – Wirja tal-Kunsill*

48.12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono nforma lill-Kunsill li bħalma sar fis-snin ta' qabel il-Kunsill ser ikun qed jagħmel attivita' ta' Jum il-Lokalita' f'Jannar. Madanakollu, l-attivita' tas-sena d-dieħla ser tkun waħda speċjali peress li l-Kunsill ser ikun qed jiċċelebra l-25 sena mit-twaqqif tiegħu. Għal dan il-għan u bħalma ma ġie diskuss f'seduti oħra l-Kunsill ser ikun qed itella' wirja tax-xogħol li għamel matul dawn l-aħħar snin b'ritratti li juru d-differenza li għamel il-Kunsill fil-ħajja tar-residenti. Għal dawn il-ġranet tal-attivitajiet il-Kunsill ser ikun qed jagħti ġieħ il-lokal lill-dawk il-persuni li ġew innomminati s-sena l-oħra kif ukoll li jkun hemm persuni oħra fis-seduta li ġejja. Fost affarijiet oħra jsiru laqgħa pubblika. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.13 Preżentazzjoni tal-Pjanti*

48.13.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal matul l-istess attivita' ta' Jum il-Lokalita' ser ikun hemm preżentazzjoni tal-pjanti lir-residenti li jixtiequ l-pjanti, liema lista qegħda diġa' tinġabar mill-amministrazzjoni tal-Kunsill. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jitqassmu ammont kbir ta' pjanti lir-residenti sabiex jitpoġġew lejl il-bieb ta' barra u r-resident ikun qed jieħu ħsibhom u sabiex ikompli jikber l-apprezzament tan-natura fiż-żoni urbani. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *48.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

48.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għal 4 ta' Diċembru 2018 fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 4 ta' Diċembru 2018